KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 42

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

It-Tnejn 24 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Jordan Galea Pace – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Dorian Sciberras – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira

ASSENTI

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra t'apoloġiji mingħand is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sabiex jinfurmana li ma setax jattendi din il-laqgħa.

42.1.2 Il-membri preżenti approvaw din l-ittra.

42.1.3 Il-President laqa' lill-Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, is-Sur Jordan Galea Pace, li kien preżenti għal din il-laqgħa f'isem il-Kunsill minħabba li r-rappreżentant u lanqas is-Sindku ma setgħu jkunu preżenti għal din il-laqgħa.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 41 li nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

42.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli.

## 42.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Aġġornament fuq il-Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart***

42.3.1 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li kienet saret onlajn nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu ma' l-avukat dwar is-sitwazzjoni ta' dan ir-Reġjun. Hu spjega li bħala Reġjun ġejna rrakomandati biex nibqgħu għaddejin kif aħna u l-pagament ta' kull xahar jibqa jinqata 10% tiegħu.

42.3.2 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, staqsa jekk dan jistax isir peress li kienet inġibdet l-attenzjoni li r-Reġjun għandu jġib permess mingħand id-Dipartiment tal-kuntratti qabel ma tinħareġ multa.

42.3.3 Il-President spjega kif dwar dan ir-Reġjun kien talab li tinżamm laqgħa immedjata hekk kif kienet waslet din il-komunikazzjoni lura f'Diċembru 2024. Hu qal ukoll kif il-laqgħa mad-Dipartiment tal-Kuntratti kienet saret fil-bidu ta' Diċembru u kien hemm ftehim li dan id-Dipartiment kellu jkollu laqgħa tal-bord u jgħatuna direzzjoni wara din il-laqgħa.

42.3.4 Il-President żied jgħid ukoll kif direzzjoni dwar dan baqgħet ma ingħatatx u kif ftit tal-ġranet qabel il-laqgħa tar-Reġjun hu kien irċieva telefonata mid-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Emil Vassallo, sabiex tinżamm laqgħa mal-kuntrattur u n-nuqqasijiet u problemi li hemm jiġu madwar diskussa madwar mejda.

42.3.5 Is-Sur Chircop qal ukoll kif hu spjega li dan ir-Reġjun għamel diversi laqgħa mal-kuntrattur u saħansitra anke fil-preżenza tad-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll mar-rappreżentanti mill-Ministeru għall-Wirt

Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ta' Malta u tas-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali. Madanakollu hu qal li ma jeskludix li tiġi organizzata laqgħa oħra diment li jkun hemm preżenti l-avukat tar-Reġjun.

42.3.6 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif f'din il-konversazzjoni li hu kellu bit-telefon mingħand id-Direttur Ġenerali, wara ħafna ġie infurmat li kien qed jisma l-konversazzjoni wkoll id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

42.3.7 Inżammet diskussjoni fit-tul dwar il-problemi li uħud mill-Kunsilli Lokali għadhom qed jesperjenzaw, fosthom li hemm lokalitajiet bħal Birkirkara u tas-Sliema li l-iskart qed jinġabara ħafna iktar kmieni mill-ħin miftihem u bħal Kunsill ta' l-Imsida fejn qed ikollu problema li l-iskart qed idum biex jinġabar, b'mod speċjali n-naħa ta' Swatar fejn dan qed jinġabar tard wara nofsinhar u din il-problema ser tkun qed tinħass aktar ġaladarba jibdew ix-xhur sajfin u l-iskart ikun ilu ħin twil barra. Issemmew diversi nuqqasaijiet oħra fosthom anke n-nuqqas ta' kameras fuq it-trakkijiet jew is-sistema ma tkunx qedha taħdem.

42.3.8 Il-President informa wkoll kif ir-Reġjun kien irċieva ittra mill-qorti fejn il-Kuntrattur kien qed joġġezzjona fuq il-multi mressqa u kien hemm ukoll tibdil fl-avukat li qed jirrappreżenta lill-kuntrattur. Hu qal ukoll kif id-direzzjoni mingħand l-avukat kienet sabiex din ma tiġix imwieġba mir-Reġjun.

42.3.9 Il-President qal kif bħala Reġjun lid-Direttur tal-Gvern Lokali kien infurmah li lest li ssir laqgħa oħra mal-Kuntrattur fil-preżenza tal-avukat tar-Reġjun. Madanakollu dan ir-Reġjun qatt ma sema lura dwar dan.

42.3.10 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex tiġi msejħa laqgħa ma' l-avukat flimkien mas-Sindki kollha fi ħdan ir-Reġjun sabiex jiġu ndirizzati l-problemi kkonċernata.

- *Aġġornament – Konferenza SEDEC*

42.3.11 B'Referenza għal din il-konferenza, il-President fakkar li din ser tkun qed tinżamm nhar it-Tnejn 16 u t-Tlieta 17 ta' Ġunju 2025 li ser tkun qed tinżamm l-AX Palace Hotel, Sliema. Hu qal ukoll kif id-delegati ser ikunu qed jaslu l-Ħadd 15 ta' Ġunju 2025 u qal kif is-Sindki huma mistiedna biex jattendi għal konferenza ta' nhar it-Tnejn biss. Qal ukoll kif it-titlu ta' din il-konferenza huwa - *Harnessing Generative AI to Enhance Education, Employment, and Environmental Sustainability*.

42.3.12 Is-Sur Chircop qal ukoll kif għalkemm din m'għandiex tiswa spejjeż kbar peress li l-biljetti ta' l-ajruplan u l-akkomodazzjoni tiġi mħallas mill-UE, affarijiet oħra inkluż is-sala u l-għarmar tal-konferenza kif ukoll l-ikel. Għal dan il-għan kif bħala Reġjun qed navviċinaw diversi ministeri u l-MTA sabiex naraw jistgħux jipprovdu għajnuna finanzjarja. Hu qal ukoll kif s'issa MTA ser ikunu qed jipprovdi l-gwidi u transport u bħala Reġjun qed naraw li l-ispiża ma tkunx kbira fuq ir-Reġjun.

42.3.13 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, staqsa jekk bħala UE tipprovdix xi fondi sabiex din il-konferenza ssir.

42.3.14 Il-President spjega li minn naħa ta' l-UE ikun hemm xi affarijiet li jiġu mħalsa minn naħa tagħhom bħal kelliema.

42.3.15 Is-Sindku ta' Pembroke, is-Sur Kaylon Zammit, issuġġerixxa li r-Reġjun javviċina lill-Onorevoli Rebecca Buttigieg peress li t-tema magħżula għal din il-konferenza hija simili fuq ix-xogħol li qed isir mis-segretarjat tagħha dwar AI u *Gender Balance*.

42.3.16 Il-President irringrazzja lis-Sur Zammit ta’ dan is-suġġeriment u qal li bħala Reġjun ser ikunu qed javviċinaw lil dawk il-Ministri ikkonċernati kemm biex ikunu parti mid-diskussjoni u sabiex jinġiebu fondi sabiex din il-konferenza tkun tistà tinżamm.

42.3.17 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif għal din il-konferenza ser ikun hemm ukoll rappreżentazzjoni mill-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, fosthom il-Professur ta’ l-Intelliġenza Artifiċjali, Profs. Matthew Montebello, flimkien ma’ Profs Alexiei Dingli, Profs John Abel u Profs Joelle Azzopardi.

## 42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

42.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 42.5 Rapporti

42.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x’jiġi ppreżentat f’din il-laqgħa.

## 42.6 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

42.6.1 B’referenza għal dawn iż-żewġ pożiżżjonijiet, il-President informa kif fil-ġranet li ġejjin ser jinħarġu sejħiet estern peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni sottomessa sad-data ta’ l-għeluq. Madanakollu qed nistennew konferma fuq xi kjarifikazzjonijiet minħabba l-*collective agreement.*

## 42.7 Diskussjoni dwar ħruġ ta’ Sejħa għal Manutenzjoni tad-Dwal fil-Lokalitajiet

42.7.1 Il-President informa lill-membri kif dan is-suġġett kien qed jerġa jitqajjem peress li hemm tliet Kunsilli Lokali li kienu mar-Reġjun Tramuntana u l-kuntratt li kellhom fuq il-manutenzjoni ta’ dawl kien għalaq. Hu qal ukoll kif meta dan is-suġġett kien ġie diskuss mhux kulħadd kien favur li tinħareġ din is-sejħa fuq livell Reġjonali u peress li minn dawk iż-żmien għal llum kien hemm bdil fil-kompożizzjoni tal-Kunsilli Lokali minħabba l-elezzjoni ta’ ġunju li għaddha, ir-Reġjun ried jerġa jqajjem din id-diskussjoni.

42.7.2 Is-Sur Chircop kien spjega wkoll kif il-Gvern kellu proġett għaddej li kien imbeda mir-Reġjun t’Għawdex u eventwalment jitkompla fir-Reġjuni l-oħra. Hu qal kif hu staqsa jekk kienx hemm aġġornament dwar dan fl-aħħar laqgħa ta’ l-eżekuttiv ta’ l-AKL, li għaliha hu kien preżenti. Hu qal ukoll li ser isir kif kien ippjanat pero għad ma jafux liema Reġjun imiss b’mod uffiċjalment.

42.7.3 Dan is-suġġett għandu jitkompla id-diskussjoni skond l-informazzjoni li tasal sal-laqgħa li jmiss.

## 42.8 *Items* oħra ta’ Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- ***SPI/SCI/08/2025 – Espressjoni ta’ Interess – TagħnaTfal Skema Ulied il-Kunsilliera – Għajnuna Finanzjarja għall-Servizzi ta’ Kura tat-Tfal (Childminding)***

42.8.1 B’referenza għal din il-komunikazzjoni li kienet waslet nhar it-Tnejn 10 ta’ Marzu 2025, il-President informa jekk bħala Reġjun jixtieqx li jibbenifika minn dan is-servizz.

42.8.2 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, spjegat li hi kienet talbet iktar informazzjoni lid-Direttur Marisa Pisani dwar dan u staqsiet jekk hux possibbli li bħala servizz lill-Kunsilli jingħata fuq livell Reġjonali peress li d-domanda għal dan is-servizz huwa minumu ħafna fix-xahar.

42.8.3 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, spjega kif bħala Kunsill Lokali huma avviċinaw *childcare* fil-lokalità u li lesta li żżomm it-tfal għal ftit ħin kull xahar. Għal dan il-għan, hu spjega kif Kunsilli jistgħu javviċinaw *childcares* li jinsabu fil-lokalità u li jkunu lesti li jipprovdu dan is-servizz.

42.8.4 Kien hemm diskussjoni qasira dwar dan is-suġġett u l-membri preżenti qablu li kull Kunsill Lokali japplika hu ġaladarba għandu bżonn dan is-servizz però bħala Reġjun, s'issa, ma hemmx bżonn għal dan is-servizz.

- *Cir AKL 2025/024_Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identità*

42.8.5 Il-President ressaq fuq il-mejda korrispondenza mingħand l-AKL li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu 2025 sabiex dawk interessati joffru dan is-servizz.

- *Cir AKL 2025/025_Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet*

42.8.6 Il-President ressaq fuq il-mejda korrispondenza mingħand l-AKL li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu 2025 sabiex dawk interessati joffru dan is-servizz.

42.8.7 B'Referenza għal dawn iż-żewġ ċirkulari, il-President spjega li f'każ li l-Kunsilli ma jkunux f'pożizzjoni li joffru dan is-servizz, ir-Reġjun jistà joffri dan is-servizz fuq livell Reġjonali.

42.8.8 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan iż-żewġ ċirkulari u kien hemm qbil li bħala Reġjun din tiġi diskussa skond id-deċiżjoni finali tal-Kunsilli Lokali.

- *Cir AKL 2025/026_Integration Strategy and Action Plan (2025-2030)*

42.8.9 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun kien irċieva nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2025. Dan ir-Reġjun imissu fit-30 ta' Ġunju 225 fl-4:30 ta' filgħaxija ġewwa s-sala ta' l-AKL il-Marsa. Kopja ta' din il-korrispondenza ġiet mgħoddija mir-Reġjun ukoll.

- *ECAD Membership 2025*

42.8.10 Is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-AKL dwar din is-sħubija. Fis-snin preċedenti dan ir-Reġjun ħallas kemm is-sħubija bħala Reġjun kif ukoll tal-KL li huma fi ħdanu.

42.8.11 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan, kien hemm qbil li dan ir-Reġjun jerġa jħallas is-sħubija kemm bħala Reġjun kif ukoll tal-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Madanakollu bħala Reġjun għandu jiġi organizzat attivitajiet relatati fuq dan is-suġġett.

- *Il-Proġett Każin 60+ Ġambori*

42.8.12 B'referenza għal dan il-proġett il-President informa kif is-sena l-oħra dan kien sar għall-ewwel darba fuq livell Reġjonali wara li dan ir-Reġjun kien avviċina lil Teatru Malta. Għal din ir-raġuni, din is-sena dan ser ikun qed jerġa jsir u diġà kien hemm madwar 80 applikazzjoni. Fil-każ ta' dan ir-Reġjun dawn is-sessjonijiet qed jinżammu fid-*day care centre* ta' tas-Sliema.

- *Kuntratt mal-Malta Public Libraries*

42.8.13 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom librerija pubblika sabiex jirrispondu komunikazzjoni li kienet intbagħtet lilhom mingħand il-*Malta Public Libraries* dwar il-kuntratt il-ġdid li jrid jiġi ffirmat. Hi spjegat ukoll li r-Reġjun qed jikkordina biss il-komunikazzjoni u m'għandiex x'taqsam mal-kontenut tal-kuntratt.

- *Kwotazzjonijiet għal Football Tournament*

42.8.14
- Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex jingħata frott għal madwar 700 tifel/tifla, fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Fresh to Go Food Ltd ta' €1,239.00.

42.8.15
- Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm servizz ta' First Aid waqt dan l-avveniment u l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Malta Red Cross bi prezz ta' €630.00.

42.8.16
- Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm servizz ta' videographer u jinġibed filmat għal waqt dan l-avveniment. L-orħos kwotazzjonijiet kienet dik mingħand Testa and Testmar bi prezz ta' €495.60.

42.8.17 Il-membri preżenti approvaw dawn il-kwotazzjonijiet.

- *National STEM Community Funds*

42.8.18 B'referenza għas-sejħa għal dawn il-fondi, il-President informa li dan ir-Reġjun jixtieq iressaq applikazzjoni sabiex isir proġett fil-komunità b'kollaborazzjoni mas-Soċjetà Astronomika ta' Malta. Qed jiġi ppjanat li jiġu organizzata numru ta' żjarat fl-iskejjel u f'ċentri ta' anzjanità attiva fejn se jkun qed jingħataw workshops dwar l-univers viżibbli u l-effetti tat-tniġġis tad-dawl (light pollution).

42.8.19 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif il-pjan hu wkoll li jkun hemm xjentisa mis-CERN tagħti taħdita pubblika f'kollborazzjoni mar-Reġjun fejn is-suġġett se jkun *Anti-Matter*. Din ix-xjentista hija kkonfermata u ser tkun ta' unur kbir għar-Reġjun talli qed jaħdem ma' waħda mill-faċilitajiet ta' riċerka ewlenin fid-dinja.

42.8.20 Il-membri preżenti approvaw din l-idea u għal din ir-raġuni l-uffiċċju amministrattiv ser jieħu ħsieb jossottometti l-applikazzjoni.

- *Aġġornament fuq il-Football Tournament*

42.8.21 Il-President fakkar lill-membri kif dan it-tournament se jkun qed isir fis-26 ta' April u kif il-President ta' Malta ġiet mistiedna biex tiftaħ it-*tournament*. Ġaladarba hi taċċetta din l-istedina, ser ikun qed isir ftuħ uffiċċjali fil-Melita Ground għall-U13 peress li dan ikun l-uniku *tournament* kompetittiv. Is-Sindki huma mistiedna jingħaqdu magħna qabel ma jmorru lejn il-grounds rispettivi tagħhom u aġġornament dwar dan jingħata aktar 'il quddiem.

- *Avveniment f'Ħamis ix-Xirka*

42.8.22 Il-President informa lill-membri kif dan il-ħsieb kien tressaq fil-laqgħa preċedenti però l-pjan ma kienx għadu żviluppata sew u għal din ir-raġuni s-Sur Chircop spjega x'kien il-ħsieb wara dan l-avveniment peress li kien għad baqà biżżejjed żmien biex din tiġi ppreparata.

42.8.23 Is-Sur Chircop spjega kif din mhux ser tkun marbuta mas-sebgħa visti però ser ikun hemm programm sabiex ikun hemm tluq mill-Pembroke Park and Ride fejn l-ewwel waqfa tkun San Ġiljan, wara tas-Sliema, Imsida, Pietà, Birkirkara u lura Pembroke.

42.8.24 Is-Sa Helen Gauci talbet sabiex Għargħur tiġi nkluża fil-programm.

42.8.25 Wara diskussjoni dwar dan bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex din isir nhar l-Erbgħa 16 ta' April 2025, filgħaxija, u li tiġi mitlub €1 donazzjoni lil kull wirja li tiġi .

## 42.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

42.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

42.9.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, xtaq aktar informazzjoni fuq il-pagamenti tal-WasteServ u l-pagamenti dovuta lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija peress li l-pagamenti huma mmarkati li jridu jiġi mnaqsa u dawk relatati ma' Ħal Lija hu mhux ser jaċċetta li dan għalissa jiġimgħoddi bħala pagament peress li l-Kunsill fil-preżent iħallas għal ġbir tal-borża organika miċ-ċimiterju u jrid li dan ikun diskuss qabel ma dan il-pagament jiġi pproċessat.

42.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-pagamenti relatati mal-Wasteserv kienu dawk il-pagamenti li diġa kien ġie nfurmat bihom dwar is-set off li jrid isir. Ser tkun qed tikkonferma dan ma' l-accountant u jekk il-każ hu li dawn qedin immarkati b'dan il-mod sabiex nuru dak li hu dovut lill-Wasteserv u dak li hu dovut lir-Reġjun, ir-Reġjun ser ikun qed jipproċedi b'dawn il-pagamenti peress li ġew mitluba li dawn jitħalsu peress l-allokazzjoni mid-Diviżjoni għal dan kien wasal fil-kont bankarju tar-Reġjun.

42.9.4 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 39A u 39B minbarra l-pagamenti relatati ma' Ħal Lija minn numru 81 sa numru 86 minn Skeda 39A.

42.9.5 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 42.10 Mozzjonijiet

42.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 42.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:49 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 14 ta' April 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 14 ta' April, 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |